# Tagħrif fuq il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Għaxaq



miġbur minn Nazzareno Agius, ex-President

Il-knisja parrokkjali ta' Ħal Għaxaq hi waħda mill-isbaħ knejjes li nsibu fil-gżejjer tagħna. Hi magħrufa minn kulħadd għall-eleganza u l-eżatezza ta' l-arkitettura tagħha.

Il-knisja għandha forma ta' salib Latin u għalhekk magħmula minn kor, żewġ kappelluni u korsija u fiha 10 altari. Fuq kull wieħed naraw kwadru artistiku u liberament nistgħu ngħidu li kollha kemm huma saru fis-seklu tmintax.

Qabel xejn insemmu l-kwadru titulari li fih naraw it-tlugħ fis-sema ta' Marija Santissima. Dan il-kwadru jattribwixxuh lill-pittur Francesco Zahra waqt li wieħed ikun jammira dan il-kwadru, tajjeb li wieħed japprezza wkoll ix-xogħol sabiħ ta' l-iskultura tal-gwarniċ li jdawwar dan il-kwadru. Dan hu l-fdal tal-prospettivia sabiħa li fl-imgħoddi kienet iżżejjen din il-parti tal-knisja.

Taħt dan il-kwadru titulari naraw pittura oħra li tirrappreżenta t-Twelid tal-Madonna. Din il-pittura żgħira qiegħda tfakkar knisja żgħira, iddedikata lit-Twelid tal-Madonna li kienet f'dawn l-inħawi, u li kienet ġiet maħtuta biex inbniet din il-knisja parrokkjali. Fuq il-ġnub tal-kwadru titulari għandna żewġ pitturi oħra tas-seklu tmintax. F'wieħed naraw lil Sant'Injazju ta' Loyola b'żewġ anġli ħdejh bil-kitba *Ad Maiorem Gloriam*, hemm ukoll San Franġisk Saverju.

Fil-kwadru l-ieħor insibu żewġ isqfijiet: Santu Wistin bil-baklu u San Remiġju bil-mitra. Mad-dawra ta' dawn iż-żewġ pitturi wieħed jista' japprezza skultura sabiħa tal-ġebel li qed tkompli ssebbaħ dawn il-pitturi.

L-orgni nħadem fil-belt ta' Napli fl-1769. Nosservaw l-iskultura sabiħa ta' l-injam li jdawwar lil dan l-orgni, kif ukoll il-gallerija mdawwra b'għamla ta' grada irqiqa, kollox magħmul fl-injam.

L-altar maġġur huwa sabiħ fl-irħam. Interessanti hija l-girandola ta' l-irħam li tifforma parti importanti minn dan l-altar. Il-pittura tal-koppla u tal-kor saru minn Ġanni Vella bejn l-1947-1948. Fil-koppla jidhru s-seba' doni ta' l-Ispirtu s-Santu filwaqt li fis-saqaf tal-kor il-pittur imsemmi tana x-xena tal-glorja tal-Madonna mdawra fl-anġli u fuq l-apside tat-titular naraw lil Marija Omm il-Feddej. Iż-żebgħa, l-induratura u l-pittura saru fi żmien il-Kappillan Dun Ġużepp Naudi (1936-1952).

L-ewwel kappellun hu f'ġieħ Ġesù Kurċifiss. Fuq fil-għoli għandna deħra tal-Ispirtu s-Santu bir-raġġi ħerġin mad-dawra kollha ta' l-apside b'numru kbir t'anġli mad-dawra tiegħu. Fih naraw kitba bil-Latin li tfisser li Ġesù huwa l-grazzja, it-triq u l-ħajja. Fuq il-kwadru naraw lill-Missier Etern fuq is-sħab u bir-raġġi ħerġin minnu u taħtu d-deħra tal-kwadru sabiħ tal-Kunċizzjoni ta' Sidna Ġesù Kristu xogħol ieħor tas-seklu tmintax.

Fil-kwadru jidhru wkoll il-Madonna, San Ġwann u l-Madalena, u numru t'anġli jagħtu l-qima tagħhom. Dan il-kwadru huwa miżmum minn erba' anġli tal-ġebel, tnejn kbar u tnejn iżgħar. F'dan il-kappellun insibu wkoll l-istatwa ta' San Ġużepp opra sabiħa fl-injam maħduma barra minn Malta fl-Italja fl-1933. F'dan il-kappellun insibu wkoll kwadru mill-isbaħ tal-flaġellazzjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Dan il-kwadru fih studju dettaljat ta' l-anatomija.

Ħasra li ma nafux l-awtur tiegħu. Hawnhekk insibu wkoll altar ieħor iddedikat lil Marija Annunzjata. Il-qima lejn Marija Annunzjata f'din il-parroċċa hija qadima ħafna sa mill-ewwel snin tas-seklu sbatax meta kienet issir il-festa tal-Lunzjata fuq l-altar ta' San Ġużepp, imbagħad fl-1743 twaqqaf dan l-altar minn Giuseppe Tabone.

Il-kappellun l-ieħor hu ddedikat lill-Madonna tar-Rużarju marbut mal-fratellanza qadima mwaqqfa f'Ħal Għaxaq fl-1628. Hawnhekk reġa' għandna wirja mill-aqwa ta' skultura fil-ġebla Maltija li jżejjen dan il-kappellun minn fuq s'isfel. Hija biċċa xogħol sabiħa li aktar ma taraha u tifliha tiskopri aktar xogħol mill-aqwa magħmul bi stil barokk. Dan il-kwadru magħmul minn Zahra fl-1747 u hu wieħed mill-isbaħ kwadri tar-Rużarju li nsibu fil-gżejjer tagħna.

Iż-żewġ kwadri laterali juru lil Sant'Elena mas-salib ta' Kristu u lil San Mikiel. Fuq l-altar tar-Rużarju nsibu kwadru ieħor li juri lil Ġesù tiela' s-sema quddiem l-appostli tiegħu. Dan il-kwadru tpitter minn Rokku Buhagiar. Hawnhekk ukoll

insibu statwa tal-Madonna tar-Rużarju skolpita fl-injam fl-1823 minn Mastru Xandru Farrugia u mhux Mastru Xandru Vella.

Fl-istess kappellun insibu l-altar ta' Sant'Anna. F'din il-pittura tinħass ħafna l-id ta' Zahra b'mod speċjali li fil-figura ta' San Ġwann il-Battista, li f'dan il-kwadru jidher mal-Madonna bil-Bambin. Sant'Anna u numru ta' erwieħ tal-Purgatorju.

Lapida sabiħa ta' l-irħam taħt l-aħħar tarġa ta' dan l-altar tfakkarna li f'dak il-qabar kien indifen fl-imgħoddi Monsinjur Isidor Formosa, il-qassis li waqqaf l-istitut ta' l-Ursolini f'Malta. Illum il-fdal ta' dan il-benefattur inqalgħu minn hawn u ttieħdu fid-dar tal-Greche ta' Tas-Sliema.

Mill-qiegħa ta' l-art ta' din il-knisja nħarsu lejn is-soqfa tal-kappelluni u l-korsija u għajnejk jitpaxxew bix-xogħol sabiħ li għamel il-pittur Emvin Cremona. Fil-korsija tan-nisa naraw tliet kwadri prinċipali, it-Twelid tal-Madonna, it-Tħabbira ta' l-Anġlu u l-Viżitazzjoni mad-dawra ta' dan il-kwadri naraw xogħol sabiħ ta' dekorazzjoni u pitturi oħra ta' persunaġġi b'rabta mal-Madonna. Fit-tieqa ta' fuq il-bieb maġġur naraw lill-Madonna tgħaffeġ ir-ras tas-serp infernali, u fuq kull naħa pitter lil Adam u lil Eva. Ix-xogħol tal-korsija beda fi żmien il-Kappillan Dun Innoċens Borg (1952-1954) u spiċċa fi żmien il-Kappillan Dun Ġużepp Borg Bonavia (1954-1967),

Fil-kappelluni ta' l-Irġiel insibu fis-soqfa lill-Maġi qegħdin jaduraw u jagħtu r-rigali lil Ġesù Bambin u fl-ieħor insibu, il-Miraklu tat-Tieġ ta' Kana. L-iskultura u l-pittura ta' dawn il-kappelluni bdew fil-parrokat ta' Dun (Mons.) Karm Zammit (1967-1982). Ta' min jgħid ukoll li l-Kappillan Dun Karm Zammit lesta l-kumplament taż-żebgħa u l-induratura tal-knisja u niżżel l-armar li kien ilu fil-knisja aktar minn 70 sena.

Fil-korsija tan-nisa għandna 4 altari. L-ewwel wieħed iddedikat lil San Ġużepp. Miegħu naraw ukoll lill-Madonna, il-Bambin u l-Anġlu Kustodju. Dan hu ta' Francesco Zahra. Ma' dan l-altar hija marbuta wkoll il-fratellanza ta' dan il-qaddis li ta' kull sena tiċċelebra kif jixraq il-festa ta' San Ġużepp. Fil-korsija nsibu wkoll l-altar tas-Santissima Trinità b'San Gaetanu u Sant'Antnin.

Kwadru ieħor ta' Francesco Zahra hu tal-Madonna tal-Karmnu. F'dan il-kwadru barra l-Madonna nsibu lil Santu Rokku, il-qaddis padrun tal-festa San Girgor Papa, lil San Franġisk u lil San Pietru Martri Dumnikan.

Faċċata ta' l-altar tal-Karmnu naraw kwadru ieħor tal-Madonna. Il-Kunċizzjoni. Dan il-kwadru tpitter minn Rokku Buhagiar. F'dan il-kwadru hemm ukoll il-figura ta' Sant'Andrija u l-Isqof San Nikola ta' Bari. L-erba' kwadretti li hemm fuq il-bibien huma tal-pittur Giuseppe Caruana taż-Żejtun. Il-kwadri ta' San Pietru u San Pawl fil-pilastri maġġuri huma tal-pittur Tusè Busuttil miż-Żejtun.

Fis-sagristija tal-knisja wieħed jista' jara u japprezza xi affarijiet li huma storiċi jew artistiċi bħal ma hu l-kwadru ta' Dun Marċell, benefattur kbir ta' din il-knisja, il-kwadru titulari ta' Santa Marija li kien fil-knsija l-qadima u kwadru ieħor żgħir ta' Marija Addolorata tħaddan f'idejha lil Ġesù mejjet. Dan il-kwadru u artistiku ħafna, u kien il-bidu tad-devozzjoni tad-Duluri fir-raħal li wasslet biex fl-1684. L-Isqof Cocco Palmieri waqqaf f'Ħal Għaxaq il-Fratellanza tad-Duluri.

Ħdejn l-altar tal-Kunċizzjoni naraw l-istatwa titulari ta' din il-parroċċa, Santa Marija biċċa xogħol ta' skultura fl-injam maħduma minn Mariano Gerada, wieħed mill-aqwa skulturi li kellha Malta fis-seklu dsatax. Minn dejjem din l-istatwa kienet meqjusa bħala waħda mill-isbaħ statwi li nsibu fil-gżejjer tagħna. Biex wieħed japprezza aħjar din l-istatwa rrid idur dawra magħha u jifli aħjar l-iskultura sabiħa li jżejjinha u li qed tagħmilha waħda mill-aħjar statwi tal-gżejjer tagħna.

Dun Marċell Mallia kien l-aktar bniedem li baqa' msemmi għall-bini tal-knisja parrokkjali u llum nistgħu naraw il-kwadru tiegħu fis-sagristija. Bniedem ieħor li ħadem ħafna għall-bini ta' dan it-tempju kien il-Kappillan Dun Toni De Giovanni, però ritratt tiegħu m'għandniex.

Benefatturi oħra huma Gio. Maria Farrugia li ħallas dak iż-żmien 800 skud għall-istatwa ta' Santa Marija. L-eredi ta' Gio. Maria Farrugia bi dritt iżommu ċavetta tan-niċċa fejn tinżamm l-istatwa. Dan ġara għaliex fl-1812 il-familja Farrugia rregalat l-istatwa lill-knisja parrokkjali. In-niċċa fiha żewġ ċwievet, waħda f'idejn il-kappillan u l-oħra f'idejn il-familja Farrugia u ż-żewġ ċwievet huma differenti, li l-ebda wieħed ma jista' jiftaħ in-niċċa jekk ma jkunx hemm preżenti l-ieħor.

Benefattur ieħor huwa Dun Mikielanġ Farrugia ħu Gio. Maria Farrugia li għamel minn flusu t-tapizzerija kollha tal-knisja.

L-ewwel kampnar fejn hemm il-qanpiena ta' Dun Marċell tlesta fl-1762, data li qiegħda fil-kampnar stess, l-ieħor kien lest fl-1852, 90 sena wara. Hemm aktar xi tgħid fuq it-teżori tal-knisja parrokkjali u nispera u nitkellmu fuqhom aktar 'il quddiem.

**Referenzi**

Alfie Guillaumier
Tony Terribile